# ŻEWĠ NIĊEĊ TA' SAN ĠUŻEPP FIX-XEWKIJA

Niċċa imponenti ta' San Ġużepp nsibuha fi Pjazza San Ġwann Battista, kantuniera ma' Triq San Bert. Ta' min jgħid li qabel ma nbniet id-dar li illum mal-faċċata tagħha tinsab inkorporata n-niċċa, din kienet fuq pedestall u madwarha kienu jħawlu x-xtieli tal-qronfol u s-sardinell. Din ix-xbieha skolpita fil-ġebel saret fl-1891 frott il-ħidma ta' Mikiel Gauci.

Kif insibu fl-iskrizzjoni li hemm maġenb l-istess niċċa, datata 24 ta' Marzu 1891, Mons. Giovanni Maria Camilleri, Isqof t'Għawdex, kien ta indulġenza ta' 90 ġurnata* lil min jagħti qima lil din ix-xbieha billi jitlob il-Missierna, Sliema u Glorja.






Niċċa oħra pjuttost kbira ta' San Ġużepp b'Ġesù maġenbu nsibuha fi Triq Indipendenza. Din l-istatwa (1932) kienet ġiet ikkummissjonata minn Dun Ġużepp Attard li kien jgħix fl-istess dar sabiex jonora lill-qaddis li kien imsemmi għalih. Hi tal-ġebel u kienet inħadmet mill-Kanonku Dun Spir Sammut, li kien studja s-Seminarju ta' Għawdex.

B'digriet tal-15 ta' Ġunju 1932, l-Isqof Mons. Mikiel Gonzi kien ta indulġenza ta' 50 jum lil min jirreċita Missierna, Sliema u Glorja quddiem din l-istatwa.